# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta’ Lulju 2023**

**Appell numru 565/2016**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Glen BORG**
**Godfrey GAMBIN**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-16 ta’ Novembru 2016 fil-konfront ta’ Glen BORG (detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru: 281675M) u Godrey GAMBIN (detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru: 243176M) li ġew mixlija talli:

(i) Nhar it-3 ta’ Diċembru 2014 f’xi ħin filgħodu ikkomettew serq ta’ dingy, mutur outboard, grass cutter, għodda u’jew oġġetti oħra minn ġo garaxx sitwat ġewwa Truq San Ġilardu, San Pawl Il-Baħar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ Ewro 2,329.37 u l-lok għad-detriment ta’ Victor George Scerri u /jew ta’ xi persuna/i entita’ jew entitajiet oħra;

(ii) Fl-istess żmien u ċirkostanzi biddlu, rranġaw mill-ġdid jew ħassru marka ta’ reġistrazzjoni ta’ vettura fuq vettura bil-mutur ACA 798 jew xort’oħra bgħabsu mal-pjanċi ta’ reġistazzjoni ta’ vettura bil-mutur.

**Lil Glen BORG waħdu: -**

(iii) F’xi ġurnata bejn it-30 ta’ Settembru 2014 u t-23 ta’ Novembru 2014 ikkommetta serq ta’ ammont ta’ xorb alkoliku u/jew oġġetti oħra minn ġo garaxx sitwat ġewwa Triq San Ġilardu San Pawl Il-Baħar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ Ewro 2329.37 u bil-lok għad-detriment ta’ Daryl Delicata u/jew ta’ persuna/i entita’ u/jew entitajiet oħra;

(iv) B’hekk ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn priġunerija sospiżi għal tlett snin, mogħtija lilu nhar it-3 ta’ Lulju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat C. Peralta;

(v) Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta’ ordni ta’ probation għal żmien tlett snin mogħtija lilu nhar il-15 ta’ Diċembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr. N. Camilleri LL.D.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, fuq skorta ta’ ammissjoni volontarja u kkondizjonata sabet lill-imputati BORG u GAMBIN qua appellati ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħhom u wara li rat l-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 264, 265, 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280, 281, 18, 28B, 49, 50, 289, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolament 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolament 44(4)(6) tal-Liġi Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta’ Malta, iddeċidiet billi tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta għall-perjodu ta’ tlett snin mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joġġħobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom u tħassarha u tirrevokaha f’dik il-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi l-piena idoneja u ġusta skont il-liġi u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti erogat piena illi fil-kwantita' tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-Liġi għar-reati li dwarhom l-appellati nstabu ħatjin fuq ammissjoni tagħhom. Illi kif ir-rikorrenti diġa spjegat fir-rikors ta' appell tagħha, l-appellati flimkien instabu ħatja inter alia ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix s-somma ta' Ewro 2329.37 u bil-lok. Minn eżami akkurat tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi li jitrattaw dwar l-ewwel imputazzjoni jirriżulta li l-piena li kellha tiġi erogata mill-Onorabbli Qorti tal-maġistrati għall-ewwel imputazzjoni biss kellha tkun bejn it-18 ''il xahar u t-8 snin. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx timponi piena konsistenti f'liberta' kkundizzjonata stante li l-piena għas-serq hekk ikkwalifikat teċċedi l-piena ndikata fl-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ħarsa lejn l-atti proċesswali turi li ma hemm l-ebda ċirkostanza li timmerita liberazzjoni kkondizzjonata. Il-fedina tal-appellati turi biċ-ċar illi dawn xelfu difrejhom mal-ġustizzja kemm -il darba u minkejja li ngħataw diversi opportunitajiet sabiex jirriformaw ruħhom dawn komplew mexjin fit-triq il-ħażina. Tant ma hemmx ċirkostanzi li jimmeritaw liberata kkundizzjonata illi dawn ma ġewx iddikjarati fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati liema ċirkostanzi kienet tassattivament rikjesta li tiddikjara u dan ai termini tal-imsemmi proviso.

Illi r-rikorrenti tissottometti wkoll li fir-rigward tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra Glen Borg minkejja li dan tal-aħħar ammetta illi kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u li kiser ordni ta' probation u minkejja li per konsegwenza ta' tali ammissjoni il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati tal-imsemmija reati, il-Qorti ma tatx il-provvediment opportuni ai termini ta' l-artikolu 28B(1) jew (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in oltre r-rikorrenti tirrileva ukoll li l-appellati ammettew illi humwa rrendew ruħhom reċedivi ai termini tal-Artikolu 49 u 50 u fil-każ ta' Glen Borg ukoll tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-umli fehma tar-rikorrenti l-piena ta' priġunerija għandha tiżdied min tal-inqas bi grad u dana konsiderando li l-appellati diġa' nstabu ħatja ta' reati mill-Qrati Kriminali u minkejja li tali Qorti ma mponux pieni ħorox fuq l-appellati, xorta l-appellati ma rriformawx ruħom.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar is-6 ta' Diċembru 2014, Victor George Scerri rraporta ġewwa l-Għassa tal-Qawra li kien intebaħ li ġew misruqa numru ta' oġġetti mill-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq San Ġeraldu f'San Pawl Il-Baħar. Fost dawn l-oġġetti misruqa kien hemm dinghy, mutur outboard u grass cutter. Mill-investigazzjonijiet illi saru mill-Pulizija irriżulta li fil-viċinanzi kien hemm CCTV camera u mill-footage meħud minn din il-camera setgħu jidhru xi persuni li kienu qiegħdin iwettqu serqa mill-imsemmi garaxx u li huma kienu waslu fuq il-post b'vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni mbgħabas. Wara li sar aktar stħarriġ mill-Pulizija, huma waslu għall-identita' tal-persuna li kienet qiegħda tagħmel użu minn dik il-vettura bħala dik tal-appellat GAMBIN u pproċediet bl-arrest tiegħu. GAMBIN ammetta l-involviment tiegħu fis-serqa mill-garaxx fi Triq San Ġeraldu u implika wkoll lill-appellat

Glen BORG. Dan tal-aħħar ukoll ammetta mal-Pulizija l-involviment tiegħu f'din is-serqa.

5. Illi l-Pulizija interrogat lil Glen BORG ukoll b'rabta ma' diversi serqiet oħra li saru fil-perjodu ta' bejn it-30 ta' Settembru 2014 u t-23 ta' Novembru 2014 liema serqiet BORG ammetta għalihom.

6. Illi rraporta wkoll mal-Pulizija ċertu Daryl Delicata fejn dan stqarr kif ġew misruqa diversi oġġetti konsistenti f'xorb alkoliku mill-garaxx tiegħu li kien jinsab fi Triq Dun Anton Tabone, f'San Ġiljan. Dakinhar stess li sar ir-rapport minn Delicata, il-Pulizija nterċettaq vettura misjuqa minn ċertu Victor Buttigieg fil-kumpanija ta' Glen BORG li kien fiha diversi kaxxi ta' xorb alkoliku. Wara li dawn ġew interrogati mill-Pulizija, BORG ammetta għall-involviment tiegħu f'din is-serqa wkoll.

7. Illi konsegwentement, l-appellati BORG u GAMBIN tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex iwieġbu għall-imsemmija imputazzjonijiet b'rabtiet ma' dawn is-serqiet u nhar is-16 ta' Novembru 2016, irreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom.

**Ikkunsidrat**

8. Illi għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' GAMBIN u BORG din hija bbażata fuq il-ksur tal-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(3), 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kodiċi Kriminali li titratta r-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37) u bil-lok. Il-parametri tal-piena preskritta għal din l-ewwel imputazzjoni huma ta' bejn tmintax -il xahar (18) u disa' (9) snin priġunerija.

9. Dan peress illi skont il-formula preskritta fl-Artikoli 278(3), 279(b) u 280(2) u l-proviso li immedjatament isegwih, għandha tittieħed dik il-piena preskritta fl-Artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali - dik ta' priġunerija ta' bejn tlettax (13) -il xahar u seba' (7) snin – miżjuda bi grad skont dak li jippreskrivi l-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, li allura huma ta' bejn tmintax -il xahar (18) u disa' (9) snin priġunerija. Din l-interpretazzjoni tistrieħ fuq il-fatt li, bħala regola, il-Liġi tippreskrivi

piena li togħla iżjed ma jkun hemm aggravji fir-reat tas-serq. Għalhekk jekk ir-reat ta' serq kwalifikat bil-mezz biss, il-ħati jingħata l-piena li tvarja bejn ħames xhur u tliet snin priġunerija u għar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur li jiżboq l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37), il-ħati jingħata l-piena ta' priġunerija bejn tlettax il-xahar sa seba' snin, ma jkunx jagħmel sens li meta l-ħati ta' reat kwalifikat kemm bil-mezz kif ukoll bil-valur jingħata piena li tkun anqas minn dik preskritta għas-serq kwalifikata bil-valur li jiżboq l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37) biss.

10. Issa biex persuna tikkwalifika sabiex tingħata piena alternattiva għal dik karċerarja fis-sensi tal-artikolu 7 et seq tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta dik il-persuna tkun trid tkun ġiet dikjarata ħatja ta' reat, li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda, u li ma jkunx reat li apparti minn kull żjieda fil-piena minħabba f'li jkun wieħed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' ħtija preċedenti jkun punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn seba' snin. Apparti minn hekk, però persuna tista' tiġi mogħtija piena mhux karċerarja taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta anke meta reat li tiegħu jiġi misjuba ħati, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, fil-każ biss fejn fil-fehma tal-Qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation. Din hija ħtieġa tassattiva li toħroġ mill-Liġi stess u b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssegwiha kelma b'kelma.

11. F'dan il-każ ma jirriżulta minn imkien li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha speċifikat li kienu jeżistu ċirkostanzi, li kellhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation. B'hekk apparti li s-sejbien ta' ħtija taħt l-ewwel imputazzjoni kien iġorr piena karċerarja li kienet tiżboq is-seba' snin priġunerija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli fis-sentenza tagħha tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet tqis li kien jeżistu ċirkostanzi li kienu jimmeritaw li l-ħatja jitqegħdu taħt ordni taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. S'hemmhekk allura l-piena erogata b'riferenza għall-ewwel imputazzjoni ma kienetx erogata b'mod li kien proċeduralment korrett in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) fl-għoti tal-piena tagħha naqset milli twettaq din il-formalita' rikjesta mill-Liġi stess.

12. Is-sitwazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward ta' Glen Borg hija iżjed prekarja minn hekk. Glen Borg ġie mixli – u debitament ammetta ħtijietu għall-imputazzjoni li huwa kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tliet snin li kienet mogħtija lilu fit-3 ta' Lulju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll li kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation għal żmien tliet snin mogħtija lilu fil-15 ta' Diċembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati.

13. Issa l-Avukat Ġenerali tilmenta wkoll li għar-rigward ta' BORG, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma applikatx ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28B(1) jew (2) tal-Kodiċi Kriminali, u dan għad li BORG irreġistra ammissjoni valida skont il-Liġi f'dan ir-rigward ukoll. Skont ma jirriżulta mill-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dik il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk l-intenzjoni tagħha kienet li tapplika d-dispożizzjonijiet imsemmija fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata ta' BORG għal din il-ħames imputazzjoni.

14. Skont l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tinsab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija u dan ir-reat ikun sar waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, għandha ssir ordni li permezz tagħha s-sentenza sospiża tibda sseħħ. Is-subinċiż numru tnejn imbagħad jagħti s-setgħa lill-Qorti sabiex f'każ ta' reat involontarju jew f'każ li minħabba fiċ-ċirkostanzi jkun jirriżulta li ma jkunx ġust illi tagħti ordni sabiex idaħħal fis-seħħ is-sentenza sospiża, illi tipproċedi b'waħda minn żewġ alternattivi:

(i) Li tordna li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża għandu jibqa' fis-seħħ; jew
(ii) Tista' b'ordni tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali u minflok il-perjodu operattiv hemmhekk speċifikat tagħmel perjodu ieħor li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil tal-ordni oriġinali.

15. Meta l-Qorti ma timxix mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali u ddaħħal fis-seħħ is-sentenza sospiża, hija

għandha tiddikjara b'mod ċar fis-sentenza r-raġunijiet għaliex ma tkunx għamlet dan.

16. L-Avukat Ġenerali għandha raġun meta din osservat li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet siekta fir-rigward tal-formula li tiskatta malli jirriżulta ppruvat li l-ħati jkun wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża. Kif ingħad iktar 'il fuq għar-rigward tal-kunċett tar-reċidiva, ġjaladarba l-appellat BORG irreġistra ammissjoni inkondizzjonata, il-Prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn tipprova b'mod ulterjuri din l-imputazzjoni ġaladarba din kienet tirriżulta ippruvata sal-grad rikjest mil-Liġi fuq l-iskorta ta' dik l-ammissjoni. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha jew iddaħħal fis-seħħ is-sentenza mogħtija nhar it-3 ta' Lulju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta jew tipproċedi skont id-dettami tal-Artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali, u f'dan il-każ issemmi b'mod ċar fis-sentenza tagħha r-raġunijiet għalfejn hija tkun iddeċidiet li ma ddaħħalx fis-seħħ is-sentenza sospiża.

17. Biss, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma għamlet xejn minn dan. B'hekk allura f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġiet li għal din l-imputazzjoni debitament ammessa, hija naqset milli timponi l-piena jew il-konsegwenza prevista mill-Liġi. Anke hawn għalhekk allura hemm mhux biss Qorti li naqset milli twettaq din il-formalita' rikjesta mill-Liġi stess talli hawn nuqqas ta' erogazzjoni ta' piena jew konsegwenza prevista u preskritta mill-Liġi għal sejbien ta' ħtija għal dik l-imputazzjoni partikolari.

18. Imbagħad l-aggravju tal-Avukat Ġenerali fir-rigward tas-sitt imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat BORG huwa bażat fuq l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> 23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –
> (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;
> (b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-

ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat.

19. Dan l-artikolu jagħmilha ċar li meta persuna tagħmel reat waqt li jkun fis-seħħ ordni ta' probation jew liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti "tista'' titratta mal-ħati daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti u l-kelma "tista'' ġiet interpretata mill-ġurisprudenza bħala li ma tħallix diskrezzjoni f'idejn il-Qrati dwar jekk għandhiex titratta mal-ħati jew le. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Julian Calleja**[1] ingħad**:**

L-appellant għandu wkoll raġun fejn isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx "tagħżel" li ma tittrattax ma' l-imputat għar-reati li dwarhom kien sar l- ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu 2013. L-artikolu 23 tal-Kap. 446, bil- kelma "tista" użata fl-istess artikolu, ma tagħtix xi għażla jew diskrezzjoni lill-Qorti tittrattax jew le lill-persuna konċernata għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni ta' probation iżda l-kelma "tista'" hi intiża sabiex tvesti lill- Qorti b'setgħa, b'vires li altrimenti ma kienx ikollha fiċ-ċirkostanzi. Din il- Qorti għalhekk taqbel perfettament mal-insenjament tas-sentenzi indikati mill-appellant Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu u għalhekk din il-Qorti ser tagħti l-provvediment opportun aktar tard f'din is-sentenza.

20. Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Duranovic Coreschi** ġie mistqarr:

'8. Ilment iehor ta' l-appellant hu li ma jaqbilx ma' l- interpretazzjoni li giet moghtija f'xi sentenzi li l-kelma "tista'" fl-artikolu 23 ghandha tigi mifhuma bhala "ghandha". Jghid li principju kardinali fil-ligi penali huwa ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit (u mhux kif qal fir-rikors ta' appell ubi lex dixit, ubi lex voluit). L-appellant isostni li bl-ebda finzjoni legali ma jista' jifhem kif u ghalfejn l-uzu ta' kelma kostantement utilizzata fil-Kodici Kriminali u ligijiet ohra, u li tintuza mil-legislatur sabiex jaghti ampja mano di scelta lill-Qorti ai fini tad-decizjoni taghha, fil-kaz ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 giet moghtija tifsira djamettrikament opposta ghat-tifsira naturali taghha u allura kontra l-ispirtu tal-ligi stess. In sostenn ta' dak li jtenni l-appellant, huwa jghid li hemm "varji sentenzi moghtija mill-Qrati nostrana fejn anke f'kaz ta' ksur ta' sanzjoni komunitarja, jew ahjar fejn isehh reat matul l-operazzjoni ta' sanzjoni komunitarja", gie applikat l- artikolu 21 tal-Kap. 446. Jirreferi ghal sentenza wahda moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

[1] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2015.

Gudikatura Kriminali fl-20 ta’ Mejju 2008 fl-ismijiet **Il- Pulizija v. Bertram Zahra**.

9. L-ewwelnett, bhalma qalet diga` din il-Qorti (supra, para. 7), fi proceduri istitwiti minhabba li jkun gie kommess reat matul il-perijodu ta’ probation u fejn allura l- persuna tigi akkuzata wkoll bi ksur tal-probation – specifikatament li kkommettiet reat waqt tali perijodu – l- artikolu 21 tal-Kap. 446 mhuwiex applikabbli u japplika biss l-artikolu 23 ta’ l-imsemmi Kap. 446. Ghalhekk dak li gie deciz fis-sentenza citata mill-appellant huwa rrilevanti.

10. Dwar it-tifsira tal-kelma “tista’”, din il-Qorti diversament presjeduta, b’referenza ghall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta – liema Kap. gie sostitwit bil-Kap. 446, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar moghtija fis-16 ta’ Gunju 1999 kienet qalet: “L-uzu tal-kelma sottolineata “tista’” – “may” fit-test Ingliz tal-ligi – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista’ tittratta ma’ dik il-persuna u tista’ ma tittrattax maghha, kif donnu ried ifisser l- abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita` li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta’ probation jew ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma “tista’” f’dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgha li tittratta ma’ dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma “tista’” fl-espressjoni “tista’ tittratta ma’ dik il- persuna” tfisser li l-Qorti li tkun ghandha tittratta ma’ dik il-persuna.”

11. U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Callus** mogthija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta’ Dicembru 2001, intqal: “L-abbli difensur ta’ l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma tittrattax ma’ lappellat ghall-ksur ta’ din il- conditional discharge peress li argumenta li lparagrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 10 tal- Kap. 152 juza l-espressjoni ‘... tista’ tittratta ma’ dik il- persuna ...’, u ghalhekk, skond hu, il-kelma ‘tista’’ (may fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u tista’ ghalhekk anke ma tittrattax mieghu ghall-ksur tal-conditional discharge jew tal-probation order skond il-kaz. L-appellat m’ghandux ragun f’dan ir-rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta’ Gunju 1999 fl-ismijiet **il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** l-uzu tal-kelma ‘tista’’ ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma ‘tista’’ fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 10(1) in dizamina tfisser biss li l-Qorti li tkun ikollha s- setgha li tittratta ma’ dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti.”

12. Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10(1) tal- Kap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m’ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma’ dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta’ htija, u certament m’ghandhiex ghazla

> tittrattax mieghu jew le. Skond id-dicitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik ilqorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skond dik ta' l-artikolu 23(1)(b), ilQorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht probation. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud.'

21. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma ttrattatx mal-appellat għall-ksur tal-ordni ta' probation mogħtija permezz ta' sentenza datata 15 ta' Diċembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. N. Camilleri. Dan allura jfisser li dik il-Qorti naqset għal darb'oħra milli twettaq formalita' rikjesta mill-Liġi stess billi naqset milli titratta lill-ħati daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti għal dak ir-reat.

22. Dan huwa msaħħaħ ukoll mill-fatt li anke l-"piena" inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) – liberazzjoni kondizzjonata għal perjodu ta' tliet snin – ma setgħetx tingħata għall-ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-artikolu 23(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1) – liberazzjoni kondizzjonata jew assoluta!

23. Iżda iżjed minn hekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet, erronjament, li timponi "piena" waħda u indistingwibbli kemm għar-reati ta' serq kwalifikat kif ukoll għat-tbagħabis ma pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur iżda wkoll fil-każ ta' Glen Borg anke għall-imputazzjonijiet ħamsa u sitta. Filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet teroga piena unika skont l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali b'riferenza għall-ewwel, tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet

rispettivament b’rabta għar-responsabilitajiet invidiwali u separati ta’ Borg u Gambin rispettivament, mill-banda l-oħra l-istess ma jistax jingħad ukoll fir-rigward tas-sejbien ta’ ħtija għall-ħames u s-sitt imputazzjoni wkoll fir-rigward ta’ Borg. Il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet kienu jeħtieġu lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tieħu provvedimenti separati għal kull imputazzjoni u mhux takkumulahom flimkien mal-imputazzjonijiet l-oħra u teroga piena waħda unika u indistingwibbli.

24. Dan kollu jirrendi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mhux biss bħala waħda li mhix sikura u sodisfaċenti, iżda saħansitra waħda li hija kolpita minn diversi kapi ta’ nullita’.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa’ l-appell tal-Avukat Ġenerali, tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett u konsegwentement tħassar l-istess; u fis-sensi tal-artikolu 428(4) tal-Kodiċi Kriminali, ukoll sabiex ma ċċaħħadx lill-appellati mill-benefiċċju tal-eżami doppju tal-każ tagħhom, tibgħat lura l-atti ta’ din il-kawża lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex dik il-Qorti tkun tista’ tgħaddi s-sentenza fil-konfront tal-appellati skont il-Liġi u dan in segwitu għall-ammissjoni inkondizzjonata reġistrata minnhom fis-16 ta’ Novembru 2016.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**